MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2012

Citazzjoni Numru. 109/2010

**A B**

**vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-attrici zzewget lill-konvenut fl-erbatax (14) ta' Ottubru tas-sena 1994, fir-Registru Pubbliku ta' Malta, liema zwieg gie debitament registrat fir-Registru Pubbliku taz-Zwigijiet u dan kif jirrizulta mill-anness dokument market Dok A;
2. Illi dan iz-zwieg huwa null u bla effett peress li l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fu qid-drittijiet u obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew stante

li kien hemm anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghall-partijiet li jwettqu l-obblig essenzjali taz-zwieg;
3. Illi dan iz-zwieg huwa null u bla effett peress illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb fl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;
4. Illi dan iz-zwieg huwa null u bla effett peress illi l-kunsens tal-attrici nkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-konvenut illi mix-xorta taghha fixklet serjatament il-hajja konjugali;
5. Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ai termini ta' l-Artikolu 19 (1) (c), (d) u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet ghar-ragunijiet premessi li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex prevja kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-provvedimenti opportuni :

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fl-14 ta' Ottubru tas-sena 1994, huwa null u minghajr effett legali ai temini ta' l-Artikolu 19 subartikolu (1) paragrafi (c), (d) u (f) ta' l-Att XXXV11 ta' l-1975 dwar iz-Zwieg (Kapitolu 255) tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Konsegwentement tordna li din in-nullita' tigi registrata fuq l-att taz-Zwieg relattiv;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa' ngunt minn issa ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta tal-konvenut, li *in forza* taghha huma eccepixxa :

1. Illi certament il-kunsens tal-kontendenti ghal dan iz-zwieg **<u>ma kienx vizzjat</u>** b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew stante li kien hemm anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghall-partijiet li jwettqu l-obbligi essenzjali taz-zwieg;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, il-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg **ma nkisibx** bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;
3. Illi, minghajr pregiduzzju ghall-premess, il-kunsens tal-attrici **zgur ma nkisibx b'qerq dwar xi kwalita'** tal-esponenti illi mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja konjugali;
4. Illi mhuwiex minnu li z-zwieg bejn il-kontendenti huwa null u bla effett ai termini ta' l-artikolu 19 (1) (c) (d) u/jew (f) tal-kpitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta jew taht xi sub-artikolu iehor, u dan kif ser jigi ampjament pruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan il-kaz;
5. Illi ghalhekk din l-Onor Qorti ghandha fic-cirkostanzi **tichad** it-talbiet attrici fit-totalita' taghhom;

Bl-ispejjez kontra l-attrici li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti ghandha quddiemha talba sabiex iz-zwieg bejn il-partijiet datat l-14 ta' Ottubru 1995 jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikoli 19(c), (d) u (f), tal-Att Dwar iz-Zwieg 1975.

Illi min-naha tieghu l-intimat jopponi ghat-talbiet attrici u ghall-premessi msemmija minnha u jsostni li z-zwieg kontrattat minnhom huwa validu fil-ligi.

**Il-verzjoni tal-attrici**

L-attrici tghid li ltaqghet mal-intimat fil-bidu tas-sena 1993 u wara xi erba' xhur izzewgu fir-registru. Dak iz-zmien l-attrici kellha diga' zewgt itfal minn ragel iehor. L-istess attrici tghid li ghall-ewwel kollox kien miexi tajjeb bejniethom imma wara ftit xhur, bdew il-problemi. Il-problemi bdew meta l-intimat sab xoghol u konsegwentement l-attrici talbet lill-awtoritajiet sabiex jaqtghu il-beneficcju socjali. L-intimat ma kienx jaghtiha flus ghall-hajja u ghalhekk ma kienx ikollha minn fejn thallas il-kontijiet. Fil-fatt tghid li kien hemm zmien meta l-kont tat-telefon kien tela' ghal aktar minn elf u mitejn lira maltin (Lm1200) u li spiccat thallsu hi wahedha. Lanqas affarijiet ghad-dar ma kien jixtri, hlief ghal xi ftit ikel.

L-istess attrici tghid ukoll li minhabba l-karattru vjolenti tieghu, mhux l-ewwel darba li dehru l-Qorti. Barra dan l-aspett vjolenti, tghid ukoll li jixrob hafna u li jqatta' hafna granet barra.

Minkejja t-turbolenza fiz-zwieg taghhom, il-partijiet kellhom wild, Sabrin izda t-twelid taghha ma kienx bizzejjed sabiex titranga s-sitwazzjoni hazina ta' bejniethom, tant li l-attrici hadet passi biex tottjeni s-separazzjoni minn ma' zewgha. L-attrici tghid ukoll li minkejja li l-intimat kien ordnat johrog mid-dar matrimonjali, spicca biex baqa' hemm ghaliex kien jghid li ma kellux fejn imur, bir-rizultat li kellha tkun l-attrici stess li tmur ghand ommha, anke sforz tal-biza' li hija kellha minnu.

L-istess attrici tghid ukoll li l-intimat kien ipprova jabbuza minn bintha (wild ta' terz) u proprju minhabba f'hekk, l-access tal-minuri binthom ma jsehhx fid-dar izda barra.

**<u>Il-verzjoni tal-intimat</u>**

Il-Qorti tirrileva li minkejja li l-intimat ipprezenta r-risposta guramentata tieghu, baqa' qatt ma ressaq provi li permezz taghhom jista' jirribatti dak li tallega l-attrici. Ghaldaqstant, il-Qorti peress illi hija sprovvista mill-verzjoni tal-intimat, trid necessarjament tiddeciedi l-kaz quddiemha skond il-provi migbura.

**Il-Mertu tal-Kaz odjern**

Il-partijiet jidher li zzewgu nhar l-14 ta’ Ottubru 1994 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg esebit a fol 3 tal-process.

Illi omm tal-attrici, Censina Azzopardi tixhed u tikkorrabora dak li tghid bintha fis-sens li z-zwieg ta’ bejn il-partijiet, sa’ mill-ewwel ftit xhur tieghu kien hazin. Tghid li l-intimat kien aggressiv u vjolenti ma’ bintha u li mhux l-ewwel darba li rat il-marki fuq bintha li kienu jkunu sinjali ta’ vjolenza. Tghid ukoll li bintha kienet tirrakkontalha li l-intimat jixrob, u kien jidhol lura d-dar tard bil-lejl ukoll apparti li kien ihalli lill-istess martu nieqsa minn hafna affarijiet tant li tghid li mhux l-ewwel darba li l-attrici bintha talbitha xi affarijiet biex issajjar.

Il-Qorti taghmel referenza ghan-nota prezentata mill-attrici[1] fejn tipprezenta seba’ (7) rapporti li hija intavolat mal-pulizija kontra l-intimat zewgha, fosthom ghal reati allegati ma’ vjolenza u theddid, li l-intimat kien fi stat ta’ intossikazzjoni u li l-istess intimat prova jabbuza minn bintha Jessica li hi minuri. Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-fedina penali tal-intimat li turi sensiela ta’ reati li huwa instab hati taghhom, fosthom reati kontra l-istess attrici. Fid-dawl ta’ dawn ir-rapporti u fuq kollox tal-fedina penali li turi li l-Qorti ta’ Gudikatura Kriminali sabitu hati ta’ tali reati, il-Qorti m’ghandha ebda dubju dwar il-karattru aggressiv tal-intimat u fuq kollox m’ghandha ebda dubju mill-veracita’ tal-verzjoni hekk kif dedotta mill-attrici u kkoraborata minn ommha.

Il-Qorti tirrileva li mix-xhieda prodotta, jirrizulta li l-partijiet dahlu ghal dan iz-zwieg fi zmien qasir immens. Dan qieghed jinghad ghaliex iz-zwieg sehh fi zmien erba` (4) xhur minn meta l-partijiet iltaqghu. Irid jigi rilevat li l-attrici ma tghidx x’kienet ir-raguni ghala dahlu ghal dan iz-zwieg tant mghaggel. L-unika xhud li taf il-partijiet u cioe’ omm l-attrici lanqas ma titfa’ dawl fuq dan izda l-Qorti tirrileva li jidher car li din kienet decizjoni ta’ malajr, li setghet

[1] Ara a fol 36 tal-process kif ukoll ir-rapporti esebiti a fol 69 u 71

facilment kienet precipitata mill-fatt li l-attrici kellha diga' zewgt itfal. Madanakollu, il-Qorti trid necessarjament tevalwa l-premessi tal-attrici sabiex tasal ghal konkluzjoni dwar jekk xi wahda mill-elementi li jwasslu ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg gietx pruvata quddiem din il-Qorti.

Illi dwar Artikolu 19(1)(c) u cioe' li l-kunsens tal-attrici inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorti taghha tkixkel serjament il-hajja mizzewga, il-Qorti tirrileva li mill-provi prodotti, jirrizulta li l-intimat heba l-aspett vjolenti tal-karattru tieghu tant li l-attrici stess tghid li l-problemi bdew ftit xhur wara z-zwieg. Ir-rapporti esebiti u fuq kollox il-fedina penali tal-intimat juru bic-car li l-intimat huwa ragel aggressiv b'tali mod li l-hajja konjugali ta' bejniethom kienet necessarjament imfixxla. F'dan l-istadju, il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Micallef Pierina Vs Bentanfous Amor**[2] fejn gie dikjarat li "***Kwantu ghal "qerq" …. dan certament hu motiv ta' nullita` tal-ftehim jew tal-kuntratt kif hekk del resto jiddisponi l-Artikolu 981(1) tal-Kodici Civili. L-eghmil doluz pero` ma jista' qatt ikun prezunt u ghandu jigi pruvat (Artikolu 981(2)). Il-qerq irid ikun tali li jkun jista` jbieghed ir-raguni u jeghleb il-volonta`***". Imbaghad, permezz tal-kawza fl-ismijiet **Sciberras Stephen Vs Av. Francesco Depasquale Et Nomine**[3] gie sostnut ukoll li "***Sabiex ikun hemm nullita` ta` zwieg fuq il-bazi li l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mixxorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga, huwa mehtieg li tali kwalita`:***

***1. tkun wahda inerenti ghall-persuna u mhux xi att fil-passat;***

***2. tkun prezenti fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg;***

***3. tkun gravi jew oggettivament jew soggettivament;***

[2] Deciza nhar id-9 ta' Dicembru 2002 mill- Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili
[3] Deciza nhar id-09 ta' Dicembru 2002 mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili

***4. ma tkunx maghrufa lill-parti l-ohra;***

***5. tigi mistura frawdolentement sabiex jigi ottjenut il-kunsens maritali; u***

***6. trid tipprovoka krizi meta tigi skoperta, ghax inkella jitqies li l-izball ma kienx sostanzjali***".

Illi l-Qorti tirrileva li dwar dan l-Artikolu, l-attrici ghalkemm ma tghidx b'mod esplicitu li qatt ma kienet taf b'dan l-aspett vjolenti tal-intimat (li minnu nnifsu huwa gravi skond il-gurisprudenza citata aktar 'il fuq), turi li dan kien il-kaz meta tirrakkonta li kollox kien ghaddej sew bejniethom sakemm ghaddew ftit tax-xhur wara z-zwieg. Dan necessarjament ifisser li l-intimat heba l-aspett vjolenti u aggressiv tal-karattru tieghu ghal skopijiet li jafhom hu u qarraq bl-attrici li ma kellha ebda hjiel dwar dan l-aspett tal-karattru tieghu.

Illi dwar l-Artikolu 19(1)(d) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ukoll minhabba li l-intimat minhabba anomalija psikologika serja kien inkapaci illi jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, il-Qorti thoss li mill-provi esebiti, jirrizulta bl-aktar mod car li l-partijiet dahlu ghaz-zwieg b'pass mghaggel immens ghalkemm jerga' jigi rilevat li l-Qorti hija sprovvista minn xi forma ta' raguni li seta' wassalhom biex jaghmlu pass tant important fi zmien daqshekk qasir. Dan ifisser li l-partijiet xejn ma hasbu fuq dak li kienu dihlin ghalih.

F'dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[4] fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid jigi pruvat quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Onorabbli Qorti:

[4] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

"***Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom***"***.***

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph**[5] "***Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga***".

In vista tal-gurisprudenza citata aktar 'il fuq u in vista tac-cirkustanzi li wasslu ghal dan iz-zwieg, il-Qorti thoss li fil-mument propizju, il-partijiet ma kellhomx id-*discretio judicii* sabiex verament jaghtu l-kunsens taghhom. Il-fatt li dan iz-zwieg sehh fi zmien tant qasir hekk kif abbinat mal-fatt li l-partijiet lanqas biss kellhom zmien bizzejjed sabiex isiru jafu lil xulxin (tant hu hekk li l-istess intimat irnexxilu

[5] Deciza nhar id-29 ta' Mejju 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

jqarraq bl-attrici billi jahbi minnha l-aspett vjolenti tal-karattru tieghu) juri kemm verament ma kellhomx id-diskrezzjoni necessarja li tesigi l-ligi ghal zwieg validu.

Illi dwar l-Arikolu 19(1)(f) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet inkiseb b'eskluzjoni pozittiva ta' wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, senjatament il-permanenza taz-zwieg, il-Qorti tirrileva li ma ngabet ebda prova ta' xi forma ta' simulazzjoni jew eskluzjoni taz-zwieg, anke jekk b'mod parzjali. F'dan l-istadju l-Qorti tirrileva wkoll li l-ebda wiehed jew wahda mill-partijiet ma gab xi forma ta' prova li kien hemm xi eskluzjoni ta' xi wahda mill-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg jew li xi wiehed jew wahda minnhom kienet inkapaci li tassumi l-istess obbligazzjonijiet essenzjali. F'dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[6] fejn gie ritenut li "***rigward x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cjoe` dik ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Tant illi ghalhekk jekk xi wahda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapacita' kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iz-zwieg li jigi hekk kreat ma jistax ikun wiehed validu***".

Illi l-Qorti tirrileva li sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg f'dan il-kuntest, irid jigi necessarjament pruvat li xi wiehed mill-partijiet ghamel simulazzjoni parzjali tal-kunsens tieghu jew taghha. F'dan il-kuntest terga' ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[7] fejn gie ritenut li "***Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-eskluzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-ohra***".

---

[6] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[7] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

Il-Qorti tirrileva, li l-attrici ma rnexxilhiex iggib prova li permezz taghha setghet tipprova li z-zwieg huwa null u bla effett abbazi ta' dan l-Artikolu. Il-Qorti tirrileva ukoll li f'dan l-istadju ghandha taghmel referenza partikolari ghall-kawza fl-ismijiet **MM vs JM** deciza nhar id-9 ta' Marzu 1994[8] fejn gie dikjarat li huwa l-mument tal-kunsens li jiddetermina jekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwiex legalment null u bla effett jew le. Ghal darb'ohra jerga' jigi rilevat li ma tressqet ebda prova li permezz taghha tista' b'xi mod twassal lill-Qorti ghall-konkluzjoni li dan l-artikolu jista' jkun applikat fil-kaz odjern.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara z-zwieg null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikoli 19(1)(c) u 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[8] Deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell